**30 ta' Ottubru, 1998**

**Imħallef:-**

**Onor. Frank G. Camilleri LL.D.**

Anthony Fabri *noe*

*versus*

Paul Bondin

## Danni - Inċident Awtomobilistiku

*L-assikuratur surrogat aġixxa biex jirkupra danni mħallas lill-assikurat. Il-Qorti ċaħdet it-talba attriċi.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha, wara li ppremetta:

Li, fil-31 ta' Lulju, 1992, waqt li t-tabib Dr. Vincent Moran kien isuq il-karozza Hundai Stellar nru. B-8000 fil-Gudja, din sfat involuta f'inċident stradali mal-vettura nru. E-8819, misjuqa mill-konvenut, bir-riżultat li Dr. Moran spiċċa kraxxjat fil-ħajt u l-karozza tiegħu sofriet ħsara kbira tant li spiċċat *beyond economical repair*;

Li għal dan l-inċident kien jaħti l-konvenut minħabba imprudenza, negliġenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti, iżda dan qed jiċħad ħtijietu;

Li l-karozza nru. B-8000 kienet fl-inċident koperta b'polza *comprehensive* maħruġa mill-istanti bir-riżultat li hu kellu jagħmel fronti għad-danni imġarrba mit-tabib Dr. Vincent Moran u dana fl-ammont ta' elfejn u tmien mitt lira Maltija (Lm2,800);

Talab li l-konvenut jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex;

Tiddikjarah responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni li sofra Dr. Vincent Moran u li għalihom kellu jagħmel fronti l-istanti minħabba *comprehensive policy of insurance* kif ingħad;

Tillikwida d-danni msemmija fl-ammont ta' *Lm2,800* jew somma verjuri li tillikwida l-Qorti okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

Tikkundannah iħallas lill-istanti l-ammont iddikjarat u llikwidat bħala dovut in linea ta' danni kif imfisser;

Bl-ispejjeż, kompriżi Lm4 ta' żewġ ittri bonarji u dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-lum lil Richard Micallef *nomine*, bħala assikuraturi tal-konvenut (*ai fini* tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta) u bl-imgħax skond il-liġi min-notifika ta' dana l-att kontra l-konvenut li hu nġunt għas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xhieda ta' l-attur *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa:

Illi, relattivament għall-ewwel talba attriċi, dina hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż, stante li għall-inċident *de quo* kien responsabbli l-assikurat tas-soċjetà attriċi, Dr. Vincent Moran, stante imperizja, negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku;

Illi jsegwi li t-tieni talba attriċi għandha tiġi miċħuda *ukoll* bl-ispejjeż stante li ma hemmx danni x'jiġu llikwidati li għalihom għandu jagħmel fronti l-istess eċċipjent;

*Illi jsegwi li t-tielet talba attriċi għandha ukoll tiġi* miċħuda bl-ispejjeż stante li ma hemmx danni li l-eċċipjent għandu jiġi kkundannat li jħallas;

Rat id-dikjarazzjoni ġġuramentata u n-nota tax-xiehda tal-konvenut;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Eżaminat id-deposizzjonijiet;

Ikkunsidrat:

*Li l-inċident stradali in kwistjoni ġara fi Triq Hal Tarxien,* il-Gudja, fl-inħawi bejn Palazzo Bettina u Triq tal-Barrani;

Is-sewwieq tal-karozza Hyundai Stellar, numru tar-reġistrazzjoni B-8000, kien qiegħed isuq fid-direzzjoni ta' Hal Tarxien. Huwa xehed li, f'daqqa waħda, ħareġ it-trakk bin-numru tar-reġistrazzjoni E-8819 - dan it-trakk huwa tat-tip bil-*Concrete Mixer*, ċjoè minn dawk li jkollhom ir-romblu jew bajla - mill-Fenech Mixing Plant, u laqtu "kemm kemm" fuq il-lemin *tal-karozza tiegħu, tan-naħa ta' wara u bid-daqqa li qala' ħabat* mal-ħajt tan-naħa tal-lemin u, wara li karozza daret, spiċċa fil-pożizzjoni kif tidher mill-i*sketch*;

Dan is-sewwieq kompla jixhed li fejn sar l-inċident kien hemm trakk tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li kien ipparkjat fuq il-karreġġjata tiegħu tat-triq. Dan it-trakk ma kienx ipparkjat rasenti l-ħajt, iżda kien maqlugħ minnu, kif jidher fl-istess *sketch*. Ma' dan it-trakk kien hemm *gang* ta' ħaddiema; x'uħud minnhom kienu 'l barra mit-trakk u oħrajn kienu man-naħa tal-ħajt, ċjoè bejn il-ħajt u t-trakk. Dawn evidentement kienu qegħdin jagħmlu xogħol ta' tindif ta' mal-ħajt li hemm fejn kien ipparkjat. Dan ix-xogħol, kif ukoll it-trakk tal-Gvern, kienu indikati bis-sinjal regolamentari (ara *sketch*);

Dan is-sewwieq ikkonkluda l-versjoni ta' kif ġara l-inċident b'dan il-mod:

"Jiena kont għaddej suffiċjentement 'il barra min-nies illi kienu fuq in-naħa ta' barra tat-trakk. Jiena nista' naċċerta illi kont qiegħed għaddej maqlugħ 'il barra suffiċjentement biex ma

nipperikolax il-ħajja ta' dawk illi kienu qegħdin barra mit-trakk. Biex jiena żammejt din id-distanza minn dawk in-nies, jista' jagħti l-każ illi jiena invadejt xi ftit il-karreġġjata opposta. Nixtieq inżid ngħid illi ma kien hemm l-ebda *oncoming traffic* meta ġrat il-ħabta. Jiena ħlief lin-nies barra mit-trakk u lill-istess trakk u anke sinjal illi n-nies kienu qegħdin jaħdmu, jiena ma rajt xejn quddiemi";

Ikkunsidrat:

Il-konvenut ma jiċħadx li kien is-sewwieq tat-trakk bin-numru tar-reġistrazzjoni E-8819 iżda ma jammetti l-ebda tort għall-inċident in kwistjoni u jagħti versjoni ta' kif ġraw l-affarijiet li ma taqbilx mal-versjoni tas-sewwieq *tal-vettura* l-oħra;

Infatti, il-konvenut xehed li l-karozza in kwistjoni ma messitx mat-trakk misjuq minnu. Huwa kompla jispjega li fejn ġara l-inċident hemm il-fabbrika tal-konkrit fejn jaħdem hu. dak in-nhar kien laħaq għabba tagħbija tal-konkrit u ħareġ mill-*gate* li hemm. Malli wieħed iħalli dan il-*gate*, kif għamel hu, wieħed isib ruħu f'parti ta' triq li mhix asfaltata u x'ħin ġara l-inċident huwa kien għadu f'dina l-parti tat-triq li mhix asfaltata. It-trakk li kien qiegħed isuq dak in-nhar kien wieħed minn dawk li għandhom il-magna fil-ġenb u għalhekk il-faċċata tiegħu hija ċatta, jiġifieri m'hemm l-ebda parti oħra tat-trakk illi toħroġ 'il hemm mill-kabina. Barra dan, it-trakk għandu mirja kbira fuq iż-żewġ naħat tiegħu. Huwa, għalhekk, beda biex waqaf fil-parti li mhix asfaltata u kellu viżwali tajba ħafna. Il-konvenut kompla xehed hekk:

"Jiena ħarist lejn in-naħa tal-lemin biex nara jekk kienx ġej traffiku *qabel ma noħroġ* u, kif ġejt biex inħares lejn ix-xellug, tiġi karozza bi *speed* min-naħa tax-xellug;

Jiena ma kontx ħriġt mill-posizzjoni wieqfa li kont. Dina l-*karozza ma messitx mat-trakk tiegħi iżda baqgħet dieħla* b'saħħa mal-ħajt tal-kantuniera *li* hemm fuq in-naħa *tal-lemin*. Bl-impatt li ħadet ma' dan il-ħajt, din il-karozza daret u reġgħet ġiet wiċċha jħares lejn id-direzzjoni minn fejn kienet ġejja ... Nassigura lill-Qorti illi fl-ebda mument it-trakk misjuq minnu u l-vettura misjuqa minn Dr. Moran ma missew lil xulxin;

*It-Tabib Moran kien qiegħed isuq wrong side* il-għaliex it-trakk tal-Gvern kien qiegħed jostakola l-kareġġjata tiegħu u għalhekk hu baqa' għaddej kif kien mill-karreġġjata l-oħra, dik li hija opposta għall-karreġġjata okkupata mit-trakk tal-Gvern. *Jiena meta soqt it-trakk barra mill-gate u sakemm wasalt fit-tarf* tal-parti mhix asfaltata kont qiegħed insuq bil-galbu. Hemmhekk ma tistax toħroġ f'salt. It-triq, ċjoè din il-parti tat-*triq, hija mħarrbta biż-żrar u ġebel u lanqas kieku trid ma tistax* toħroġ f'salt;

Jiena, oltre dan, kont qiegħed nieħu l-prekawzjonijiet kollha kif spjegajt billi t-triq hija triq traffikuża";

Ikkunsidrat:

Għandu jingħad illi l-prova li l-inċident *de quo* ġara minħabba tort imputabbli lill-konvenut tinkombi fuq l-attur *nomine* u fuqu biss;

Din il-Qorti, wara li vvaljat sewwa ż-żewġ versjonijiet ta' *kif ġara l-inċident u anke kkunsidrat li m'hemm ebda kuntrast* bejn il-kontendenti dwar l-i*sketch* tal-pulizija (dok. A, a fol. 6), tasal għall-konklużjoni li l-konvenut bl-ebda mod ma kkontribwixxa għall-ħabta in kwistjoni;

Fil-fehma tal-Qorti. il-konvenut meta ġie biex joħroġ mill-

*plant* tal-konkrit uża d-diliġenza kollha li wieħed għandu jistenna minnu. Huwa waqaf fil-parti tat-triq li mhix asfaltata biex jassigura li ma kienx ġej traffiku u baqa' fil-posizzjoni stazzjonarja li tinsab indikata fl-i*sketch*;

L-attur *nomine* ma rnexxilux jipprova li l-konvenut ħareġ f'daqqa waħda mill-Fenech Mixing Plant u li laqat "kemm kemm" il-lemin tal-karozza assigurata u b'hekk ikkaġuna l-ħabta tagħha mal-ħajt tan-naħa tal-lemin li jinsab indikat fl-i*sketch*;

Għalhekk, l-ebda ħtija ma tista' tiġi addossata fuq il-konvenut u, kwindi, l-unika kawżali taċ-ċitazzjoni, dik ċjoè li għall-inċident jaħti l-konvenut minħabba imprudenza, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, baqgħet ma ġietx ippruvata. Dan ifisser li t-talbiet attriċi ma jistgħux jiġu akkolti;

Għal dawn il-motivi:

Taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet attriċi; bl-ispejjeż kontra l-attur *nomine*.